# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' Ottubru, 2000 .

## Citazzjoni numru : 59/2000G1(PC)

**Joseph u Vicky konjugi Debrincat kemm f'isimhom proprju kif ukoll bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri, Shannon Debrincat .**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**
**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew :**

**Illi l-att tat-twelid ta' binhom, Shannon Debrincat, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta' tlieta u tletin (33) tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (33/96), hawn anness u markat bhala dokument "A", huwa zbaljat kemm fir-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin" kif ukoll fl-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" u dan peress li isem binhom huwa "SHANNON" u mhux "SHANEN" ;**

**Illi l-atturi jridu jipprocedu sabiex jirrangaw l-istess att tat-twelid ta' binhom minuri, Shannon Debrincat .**

**Ghalhekk talbu lill-konvenut nomine jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1) **Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' binhom minuri, Shannon Debrincat, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta' tlieta u tletin (33) tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (33/1996), hawn anness u markat bhala dokument "A", u dana billi fir-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin" kif ukoll fl-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet moghtijin" kif ukoll fl-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem jew**

**ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "SHANEN" jigi sostitwit bl-isem "SHANNON" u b'hekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex jirrilaxxja kopja tal-istess att tat-twelid numru 33/1996, kif korrett .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha huwa debitament ingunt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Debrincat .**

**Rat ukoll id-dokumenti esebiti, u cioe' bhala dokument "A", kopja vera tal-att tat-twelid li jgib in-numru tlieta u tletin tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (33/1996), ta' Shannon Debrincat, u bhala dokument "B", fidi tal-maghmudija ta' l-istess Shannon Debrincat .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li iggib id-data ta' l-erbgha (4) ta' April, tas-sena elfejn (2000) .**

**L-istess Direttur baqa' kontumaci .**

**Il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' bin minuri l-atturi Shannon Debrincat, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta' tlieta u tletin tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (33/1996), u dana billi fir-raba kolonna taht intestatura "Ismijiet moghtijin" kif ukoll fl-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem "SHANEN" jigi sostitwit bl-isem "SHANNON", u b'hekk tordna lid-direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, jirrilaxxja kopja tal-istess att tat-twelid numru tlieta u tletin tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (33/1996), kif ikkoregut .**

**Minhabba n-natura ta' din il-kawza, ma ghandux ikun hemm ebda spejjez .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S5900Pc
534